**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 19 TA' SETTEMBRU, 2001

**Numru: 18**

**Avviz Nru: 558/01 AE**

Grazzio, Carmel, Mario, John
Paul ahwa Magro kif ezercenti
n-negozju Firm Michael Magro

vs

Rita Spiteri

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-atturi ghall-hlas ta' elf u wiehed u sittin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1,061.24) hlas dovut ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Semgha bil-gurament lill-attur jikkonferma l-kreditu u li fil-mori tal-proceduri l-konvenuta hallset is-somma ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230).

Ra n-nota li gie prezentata mill-atturi li permezz taghha rriducew it-talba taghhom ghas-somma ta' tmien mija u wiehed u tletin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm831.24).

Illi l-konvenuta debitament notifikata ma deheritx fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2001 u lanqas fis-seduta tal-lum, kif ukoll ma pprezentatx risposta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jiddecidi billi jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenuta thallashom is-somma ta' tmien mija u wiehed u tletin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm831.24) dovuta ghar-ragunijiet premessi, bl-imghax kif mitlub fl-avviz tat-talba.

L-ispejjez, inkluzi d-drittijiet legali jithallsu kollha mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**